**Ftuħ Sena Forensi 2016-2017**

Llum qiegħdin niltaqgħu għall-ftuħ tas-sena forensi f'data li ma hix dik solita u ċioe' fit-3 ta' Ottubru minflok l-1 ta' Ottubru, iżda kulħadd jista' jifhem ir-raġuni għal dan.

Grazzi, Sur President tal-Kamra tal-Avukati, għad-diskors konċiż u meqjus tiegħek li bħas-soltu jagħti 'l wieħed fuqhix jaħseb. Inti aċċennajt għal diversi punti li jolqtu lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja u, kif mistenni, ħarist lejhom mill-perspettiva ta' avukat. Jien ukoll ser nagħmel riferenza għal diversi mill-istess punti, iżda prinċipalment mill-perspettiva tal-Ġudikatura.

Qabel kollox nixtieq nassoċja ruħi għal kollox mas-sentimenti li inti esprimejt għat-telfa kbira li sofriet il-professjoni legali u d-dinja akkademika bil-mewt tal-Professur Joe Ganado. Persuna għarfa fil-qasam tad-Dritt Ċivili u għalliem ta' simpatija kbira u b'kapaċita' komunikattiva enormi li kif għedt int il-frażi "I remember a case..." tibqa' tidwi f'widnejn kull minn kellu x-xorti jirċievi t-tagħlim tiegħu, inkluż jien.

Il-Ġudikatura wkoll issellimlu.

Kif semmejt inti, l-aħħar li ltqajna f'din l-okkażżjoni konna esprimejna lil xulxin it-tama li l-liġi dwar il-Professjoni Legali ser tiġi pubblikata ma

ddumx. Għaddiet sena oħra iżda l-liġi għadha ma għaddietx. Ma nafx x'inhuma l-intoppi li qiegħdin iżommu l-progress f'din il-materja iżda għandi naħseb li bi ftit rieda tajba minn kull min hu konċernat din il-liġi wkoll issir parti mill-liġijiet tal-pajjiż sabiex tagħti ordni u stabbilita' aħjar lil professjoni li evidentement hi għal qalbi ħafna u dan fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li tagħha l-avukati huma servi fidili kif ukoll fl-interess tal-pubbliku in ġenerali.

Bħal fis-snin imgħoddija bi ħsiebni nagħmel xi riflessjonijiet fuq is-sena forensi li għaddiet u nħares 'l quddiem lejn is-sena li ġejja.

**Il-Qrati fiċ-ċentru tal-attenzjoni**

Il-Qrati, bħal fl-imgħoddi, kienu ċ-ċentru tal-attenzjoni tad-diversi setturi tas-soċjeta' u l-attivita' ġudizzjarja kienet ta' spiss suġġett ta' diskussjoni fil-*media*; normalment fil-ħażin, għaliex it-tajjeb ftit jidher fil-*media*. Il-Qrati jagħtu eluf ta' sentenzi matul is-sena iżda hija dik il-waħda jew dawk il-waħdiet li, għal raġunijiet ġusti jew le, jagħmlu ħoss u jispiċċaw fl-ewwel paġna b'ittri kbar. Ma rridx niftiehem ħażin. Huwa tajjeb li l-Qrati u s-sentenzi tagħna ikunu taħt l-iskrutinju tal-komunita' u tal-esperti u speċjalment tal-*media*, iżda ta' spiss ikunu wkoll il-mira ta' kritika ta' min ma jkunx informat sew la dwar il-fatti ta' kawża u ċ-ċirkostanzi tagħha u anqas dwar il-liġi applikabbli. Ġieli wkoll issir kritika indiskriminata u ġeneralizzata minn għand min tistenna aħjar.

M'ilux wisq, per eżempju, saret kritika minn avukat, li xtaq jibqa' anonimu, li, tal-anqas kif rapportat, tkellem bħallikieku l-uniku reat ta' abbuż sesswali f'Malta jikkonsisti fir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri, li assolutament ma hux il-każ, apparti li ingħadu numru ta' spropositi oħra dejjem b'lingwaġġ dispreġġattiv u li ma jirriflettix korrettement il-pożizzjoni la ta' fatt u anqas ta' liġi. Kif dejjem sostnejt, il-kritika hi salutari iżda trid tkun korretta u preċiża jekk taspira li tkun kostruttiva u tixpruna tibdil għall-aħjar. Is-sitwazzjoni ssir aktar diffiċli għall-Ġudikatura għaliex dawn ma humiex f'pożizzjoni li jingaġġaw f'dibattiti dwar kawżi pendenti quddiemha jew dwar is-sentenzi li jkunu taw.

Huwa minnu li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn il-problema tkun waħda aktar radikali għaliex ikollok sitwazzjoni li tkun żviluppat, jew tħalliet tiżviluppa, matul diversi snin b'mod li tkun teħtieġ rimedju aktar radikali f'tentattiv biex tinstab soluzzjoni. Jien, bil-kollaborazzjoni tal-kollegi Imħallfin, nagħmlu l-ħila tagħna bil-mezzi disponibbli sabiex flimkien insibu soluzzjoni iżda mhux dejjem il-mezzi disponibbli jkunu tali li jippermettu tali soluzzjoni.

**In-numru ta' ġudikanti**

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ir-realta' tal-qagħda f'Malta fejn in-numru tal-ġudikanti huwa anqas minn nofs tal-medja fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk l-aġġustamenti li jistgħu jsiru sabiex wieħed jipprova jaffronta l-problemi li jinqalgħu biż-żmien huma limitati. Forsi tgħiduli li nsemmi wisq ta' spiss din l-istatistika tan-numru ta' Imħallfin. Nixtieq verament li jasal iż-żmien li ma jkolli qatt iżjed għalfejn insemmi dan il-fatt għax in-numru ta' ġudikanti javviċina l-livell Ewropew iżda sakemm dan jiġri dan hu fatt li inevitabilment jikkondizzjona u jillimita l-possibilitajiet ta' riċerka għal soluzzjonijiet.

Irrid nistqarr li matul is-snin, anki f'dawn l-aħħar snin, l-Esekuttiv fittex li jżid in-numru ta' ġudikanti u r-risorsi disponibbli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja iżda huwa ċar li dawn qishom qatt ma huma biżżejjed sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet dejjem jikbru fis-sistema tal-ġustizzja iġġenerati minn liġijiet ġodda u aktar komplessi, drittijiet akbar, aktar rimedji, aktar tribunali speċjali.

**Titjib fil-prestazzjoni tal-Qrati**

Għandu jkun rikonoxxut, iżda, li, kif stqarr il-Ministru xi xahrejn ilu, din is-sena, bħas-sena ta' qabilha, in ġenerali ġie reġistrat titjib fil-prestazzoni tal-qrati kemm ċivili kif ukoll kriminali, bil-qrati jirrisolvu numru ta' kawżi akbar minn numru ta' kawżi ġodda li jidħlu. Dan irriżulta fi tnaqqis tal-kawżi ċivili pendenti li n-numru tagħhom niżel taħt l-10,000 għall-ewwel

darba f'sittax-il sena. Is-sitwazzjoni fil-qrati tal-appell tippreżenta sfidi aktar diffiċli. Ir-raġuni tista' tkun li filwaqt li fil-qrati tal-Maġistrati dawn huma ordinarjament kollha dedikati għal xogħol fl-ewwel grad, fil-qrati superjuri l-Imħallfin jipprestaw servizz kemm fil-qrati tal-ewwel grad kif ukoll fl-appell skont il-bżonn waqt li fil-qasam ċivili huma biss 5 Imħallfin li joqgħodu regolarment fl-appell, u wħud minnhom ipoġġu wkoll fil-qorti tal-ewwel grad. Dan iġib miegħu li huwa aktar faċli li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fil-qrati inferjuri milli hu possibli fil-qrati superjuri, u speċjalment fil-qrati tal-appell, peress li l-possibilitajiet ta' interventi biex ittejjeb l-affarijiet huma wisq aktar limitati.

Hu x'inhu, is-sitwazzjoni qiegħda, b'mod ġenerali, titjieb. Naturalment iridu jsiru sforzi akbar biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni f'dawk l-oqsma li ma wrewx titjib.

**Ħtieġa ta' aktar spazju**

Jidher li żieda fin-numru ta' Imħallfin hi inevitabbli iżda anki dan ma jistax isir qabel ma jkun hemm aktar awli tal-qrati u bħalissa qiegħdin isiru alterazzjonijiet strutturali sabiex isiru disponibbli tlett awli ġodda fl-edifiċju eżistenti tal-qrati. Dan hu tajjeb iżda qiegħed joqrob malajr iż-żmien li ma jkunx iżjed possibbli li nraqqu minn hemm u minn hawn f'tentattiv li

noħolqu spazju għal awli ġodda. Anki illum l-edifiċċju tal-qorti ġia sar kważi klawstrofobiku b'awli jiċkienu, uffiċji jiċkienu, minkejja li nfetħet il-binja ta' St Thomas Moore, l-ispazju disponibbli għall-pubbliku jiċkien. Wasal iż-żmien li wieħed jaħseb dwar il-possibilita' li l-qrati jiċċaqalqu għal bini aktar spazjuż għaliex dak eżistenti ġia ma huwiex suffiċjenti sabiex jilqa' fih is-servizzi kollha li teħtieġ tagħti s-sistema tal-ġustizzja.

**Il-Qorti tal-Minorenni**

Hawnhekk ma nistax ma nagħmilx riferenza għall-qagħdha xejn feliċi tal-Qorti tal-Minorenni li żżomm is-seduti tagħha fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali f'Santa Venera fejn problemi loġistiċi qiegħdin ta' spiss jikkawżaw differimenti ta' kawżi b'inkonvenjenza kbira għall-partijiet, xhieda u anki għall-ġudikanti u staff tal-qrati.

Il-kamra li tintuża bħala Awla tal-Qorti tal-Minorenni tintuża wkoll minn diversi enitajiet li joperaw fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, bir-riżultat li l-apparat ta' *video-conferencing,* li l-użu tiegħu qiegħed isir aktar frekwenti minħabba n-natura tal-kawżi li jiġu quddiem il-Qorti tal-Minorenni, jkollu jiġi armat u żarmat kull darba li jkun hemm bżonnu. Dan qiegħed joħloq problemi konsiderevoli u diversi drabi kawżi kellhom jiġu differiti minħabba dawn il-problemi. Dan apparti l-fatt li l-avukati u uffiċjali tal-pulizija li jkunu involuti quddiem il-Qorti tal-Minorenni ħafna drabi jkollhom jinqasmu bejn dik il-Qorti u l-Qrati prinċipali fil-Belt Valletta u

għal raġunijiet ta' konvenjenza jippreferu jattendu l-Qorti l-Belt milli jattendu ċ-Ċentru Soċjali f'Santa Venera. Dan ukoll ta' spiss jissarraf f'differimenti ta' kawżi.

Hemm diversi problemi oħra kemm ta' natura loġistika kif ukoll ta' natura amministrattiva li ma hux il-każ li noqgħod nelenka hawn li iżda ġia ġew rilevati lill-awtoritajiet. Għalhekk nappella għal darb'oħra lill-Ministru sabiex jikkunsidra li l-Qorti tal-Minorenni timxi minn fejn hi u ssib mill-ġdid postha fi jew tal-anqas viċin l-edifiċċju li jiġbor fih il-Qrati ordinarji.

**Riformi**

Matul din is-sena bdew jiġu pubblikati diversi liġijiet sabiex jimplimentaw numru ta' riformi fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Kien hemm uħud f'livell kostituzzjonali waqt li oħrajn fuq il-livell ta' proċedura ċivili jew sostantiva. Ta' natura kostituzzjonali kien hemm l-emendi li saru fil-Kostituzzjoni li bihom ġie mwaqqaf il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura kif ukoll Kumitat għall-Imħallfin u Maġistrati bħala sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bl-inkarigu li jeżerċita dixxiplina fuq il-membri tal-Ġudikatura. Dawn l-emendi ma ntlaqawx tajjeb minn ċerti nħawi u l-kritika kienet kultant ħarxa iżda saru bil-kunsens kemm tal-Gvern kif ukoll tal-Oppożizzjoni u għalhekk xi ħaġa pożittiva fihom.

Qabel l-emendi l-ħatriet kienu jsiru esklużżivament mill-Esekuttiv mingħajr l-intervent ta' ħadd. Wara l-emendi qabel il-ħatra ta' ġudikant irid ikun hemm l-iskrutinju minn Kumitat magħmul minn persuni indipendenti li jagħti l-parir tiegħu lill-Prim Ministru permezz tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja. Huwa minnu li l-Prim Ministru għandu s-setgħa li jagħżel li ma jsegwix ir-riżultat tal-evalwazzjoni tal-Kumitat iżda jekk jagħmel tkun trid issir dikjarazzjoni li ġiet eżerċitata dik is-setgħa u tagħti r-raġunijiet li wasslu għal dik id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni tkun trid tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Barra minn hekk il-Prim Ministru jew il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandhom jagħmlu wkoll stqarrija fil-Kamra tad-Deputati li fiha jispjegaw ir-raġunijiet għall-eżerċizzju tas-setgħa msemmija. Naħseb li wieħed ma għandux jissottovaluta il-potenzjal ta' dawn il-miżuri sabiex jirrestrinġu lill-Esekuttiv fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa li jagħżel li ma jesegwix ir-riżultat tal-evalwazzjoni. Seta' wieħed imur aktar 'il bogħod? Ċertament iva; iżda jidher li sa hemm seta' jasal il-kunsens politiku llum u fil-fehma tiegħi progress sar.

Kif għedt il-liġi tipprovdi wkoll għal Kumitat li jeżerċita dixxiplina fuq il-membri tal-Ġudikatura fejn il-proċeduri ġew spjegati aħjar u żdiedu s-

sanzjonijiet possibbli u għalhekk ukoll f'dan il-qasam ġie reġistrat progress.

Saru wkoll diversi emendi fil-liġijiet ta' proċedura u xtaqt nieqaf fuq xi wħud anki sabiex nġibhom aktar għall-attenzjoni tal-avukati għaliex fil-fehma tiegħi jistgħu jagħmlu użu minnhom aħjar b'mod li jitħaffu l-proċeduri.

Fost l-emendi hemm dik li tippermetti lill-Qorti tal-Appell tikkoreġi żbalji fis-sentenza appellata kif ukoll żbalji oħra fl-atti fl-ewwel istanza. Qabel kien jiġri li ċerti żbalji quddiem l-ewwel qorti ma setgħux jiġu korretti bil-konsegwenza li wara numru ta' snin fl-ewwel grad il-Qorti tal-Appell kien ikollha tirritorna l-atti lill-ewwel Qorti biex dawn jiġu kkoreġuti li kien ifisser aktar telf ta' żmien. Barra minn hekk il-Qorti tal-Appell ingħatat il-fakulta' li wara s-sentenza tagħha stess tikkoreġi żbalji li jkunu ttieħdu f'dik is-sentenza mentri qabel ċerti żbalji setgħu jiġu kkoreġuti biss jew b'kawża ta' ritrattazzjoni jew addirittura b'kawża għal kollox ġdida. B'hekk jiġi ffrankat ħafna dewmien u anki spejjeż għall-partijiet.

Sar ukoll tibdil fil-proċedura għan-notifika ta' atti wara tentattivi ta' notifika li ma jkollhomx suċċess b'mod li l-parti ma jkollhiex għalfejn kull

darba tagħmel rikors lill-Qorti biex in-notifika ssir wara l-ħin legali b'ħela ta' ħin u b'aktar spejjeż għall-parti.

Emenda oħra li għandha l-potenzjal li tnaqqas iż-żmien tal-proċeduri fl-appell u li tista' tgħin lill-Qorti tal-Appell tagħti sentenzi aktar malajr, u tgħinha wkoll torganizza s-smigħ tal-appelli aħjar, hija dik li tipprovdi li wara li jingħalqu l-proċeduri bil-miktub il-partijiet jistgħu jagħmlu nota flimkien li biha jiddikjaraw li ma għandhomx sottomissjonijiet oħra x'jagħmlu u b'hekk il-Qorti tal-Appell tkun tista' tgħaddi għas-sentenza. Dan ifisser ukoll li jinħoloq aktar wisgħa li fih ikunu jistgħu jiġu appuntati aktar appelli għas-smigħ. Sfortunatament din il-possibilita' ftit qed tintuża mill-avukati mentri jien konvint li hemm ħafna aktar appelli fejn din il-proċedura tista' tintuża a benefiċċju tal-partijiet stess. Dak li ċertament huwa għal kollox frustranti imbgħad huwa meta jiġri li appell li jkun ħa l-kors normali tiegħu u jiġi appuntat għat-trattazzjoni dak inhar il-partijiet jiddikjaraw li ma jeħtiġux trattazzjoni orali bil-konsegwenza li jkun nħela ħafna żmien inutilment meta minflok seta' jiġi appuntat appell ieħor li seta jiġi trattat floku. Nappella lill-avukati sabiex jagħmlu aktar użu minn din il-possibilita' għaliex għalxejn isiru bidliet fil-liġi tal-proċedura jekk imbgħad kollox jibqa' l-istess qisu ma nbidel xejn.

**Il-Medjazzjoni**

Nixtieq ukoll napprofitta ruħi minn seminar dwar il-Medjazzjoni li ġie organizzat dan l-aħħar miċ-Ċentru ta' Medjazzjoni bħala mezz alternattiv għas-soluzzjoni ta' kontroversji legali. Jiena nemmen bis-sħiħ dwar din l-għodda li għandha l-potenzjal li tnaqqas sostanzjalment id-dewmien fil-qrati u hi meqjusa wkoll bħala mezz ta' riżoluzzjoni ta' konflitti aħjar minn proċeduri ġudizzjarji. Filwaqt li fi proċeduri ġudizzjarji s-soluzzjoni tiġi imposta fuq il-partijiet, fil-proċess ta' medjazzjoni huma l-partijiet stess li jiġu gwidati sabiex volontarjament jirrisolvu l-konflitt ta' bejniethom b'mod li l-konflitt jiġi verament eliminat u mhux jibqa' jnemnem taħt il-wiċċ. Fil-medjazzjoni l-partijiet jħossuhom it-tnejn rebbieħa u mhux wieħed rebbieħ u l-ieħor tellief, jew iħossuhom it-tnejn telliefa, b'mod li s-sens ta' aggravju jibqa' jippersisti. Il-metodu ta' medjazzjoni issa ilu diversi snin ġia disponibbli f'Malta iżda jidher li għadu ma qabadx sew jekk mhux unikament fi ħdan il-Qorti tal-Familja. Barra minn Malta dan il-mezz ta' riżoluzzjoni ta' konflitt kellu suċċessi kbar u qiegħed jipproduċi benefiċċji sostanzjali fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u għalhekk jeħtieġ li jsir sforz maġġuri sabiex jiġu identifikati r-raġunijiet għaliex il-medjazzjoni ma hix tipproduċi l-istess riżultati pożittivi sabiex dawn jiġu ndirizzati b'determinazzjoni u konvinzjoni. Hu ħassra li l-progress f'dan il-qasam kien wieħed bil-mod u fqir wisq.

Wasalt biex nagħlaq u għalhekk nagħmel l-aħħar osservazzjoni tiegħi.

**Osservazzjoni tal-aħħar**

Hawn xtaqt nagħmel aċċenn għall-konsegwenzi, fil-fehma tiegħi serji, ta' prattika li żviluppat matul is-snin u li qiegħda toħloq fost il-persuni li jirrispettaw il-liġi u li josservawha skrupolożament sens qawwi ta' inġustizzja. Din hi l-prattika ta' amnestiji li minn żmien għal żmien jingħataw għal kull tip ta' inosservanza tal-liġi fejn persuna tinħafrilha l-piena għal kollox jew in parti taħt kundizzjonijiet ferm vantaġġjużi għal min kiser il-liġi. B'dan il-mod il-pubbliku li hu rispettuż tal-liġijiet tal-pajjiż qiegħed iħossu aggravat għaliex jara li min kiser il-liġi qiegħed jiġi effettivament ippremjat waqt li huwa jkun ħabbat wiċċu ma ħafna dewmien u inkonvenjenzi sabiex jaċċerta ruħu li jkun konformi mal-liġi. Dan x'aktarx jissarraf ukoll billi ħaddieħor jiġi inkoraġġit hu wkoll ma josservax il-liġi bit-tama ta' xi amnestija fil-futur. Konsegwenza oħra serja hija li b'hekk il-Qrati jtendu li jiġu deleġittimati f'għajnejn il-pubbliku bħala amministraturi tal-ġustizzja għaliex il-liġi ma tibqax ugwali għal kulħadd. Dan ċertament ma tantx hu konformi ma' Stat bażat fuq is-Saltna tad-Dritt u għalhekk fil-fehma tiegħi wasal iż-żmien li ssir riflessjoni serja dwar il-konsegwenzi ta' din il-prassi ta' amnestiji sabiex minnha jinġibdu l-konklużjonijiet xierqa.

Sur President tal-Kamra, naf li inti għamilt referenza għal diversi punti li jiena ma kellix il-ħin li nmiss, bħall-kwistjoni tal-esperti, li fil-passat ingħad diskors mill-Kamra tal-Avukati fil-konfront tal-qrati li jiena tal-fehma li kien ferm inġust mal-qrati; bħall-Avukati tal-Qorti jew Court Attorneys li qiegħdin jaħdmu tajjeb li iżda wkoll jiġġeneraw problemi ta' xort'oħra; it-tensjonijiet li jinqalgħu bejn Magistrati u Avukati minħabba l-pressjoni tal-volum ta' xogħol li jeżisti fil-qrati tal-Maġistrati fejn, inċidentalment, jien ġia estendejt għalihom, fil-limiti ta' nies disponibbli, l-faċilita' ta' assistenti ġudizzjarji u nawgura li wkoll l-iskema tal-Court Attorney eventwalment tiġi estiża għalihom. Iżda l-ħin ma jippermettilix nindirizza dawn il-kwistjonijiet ukoll għalkemm naqbel assolutament miegħek li dawn ukoll jimmeritaw attenzjoni xierqa. Iżda jkolli nikkonkludi.

Għalhekk nagħlaq dan l-indirizz tiegħi billi filwaqt li nirringrazzjakom tal-attendenza tagħkom nawgura lil kulħadd sena forensi ta' ħidma u servizz u l-kumplament tal-ġurnata t-tajba lilkom lkoll.

---

Uffiċċju tal-Prim Imħallef
3.10.2016